MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2008

Numru. 758/2002

**Il-Pulizija**
**(Supt. Alexandra Mamo)**

**v**

**Michael Sultana ta' 26 sena bin Angelo u Giovanna Ciantar, imwieled Pieta' fit-23 ta' April, 1975, u residenti Villa Difesa, Triq Santa Klara, Bahar ic-Caghaq, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 232575 (M0**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Michael Sultana li gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, fuq il-Monti tal-Belt Valletta, sitwat fi Triq il-Merkanti, nhar it-30 ta' Marzu, 2002, ghall-habta tal-11.30 a.m. ta' filghodu;

(a) xjentement qeghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema imxebbhin b’qerq ucioe numru ta’ CDs u oggetti ohra foloz, dan bi ksur tal-artikolu 298 (1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
(b) bi qligh jew bi skop ta’ kummerc, stampa, immanifattura, idduplika, jew mod iehor ipproduca jew ikkopja jew biegh qassam jew mod iehor offra ghall-bejgh jew biex iqassam xi artikolu jew xihaga ohra bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna ohra protetti bil-jew taht il-ligi ta’malta u dan bi ksur tal-artikolu 298B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u b’hekk gie topera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legvali 120/92.

Il-Qorti giet gentilment mitlub sabiex barra li jinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti hi wkoll gentilment mitluba sabiex barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi tirrevoka l-licenzja ta’ hawker’s licence f’isem Michael Sultana hawn fuq mixli.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija, tikkundanna lil Michael Sultana ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet il-provi.

Rat l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Rat l-artikli mibghuta mill-Avukat Generali li a bazi taghhom tista’ tinstab htija u cioe:

298(1)(f) u 298B tal-Kap 9 ( a fol 89).

Rat li moqrija l-istess artikoli l-akkuzat ta l-kunsens tieghu ghal proceduri sommarji.

Ikkonsidrat

Illi mill-ewwel tibda din il-Qorti biex mill-ewwel tiddikjara li ma hemm, anzi ma jista' jittiehed ebda procediment fuq ir-reat ikkontemplat fl-artikolu 298B tal-kap 9 in kwantu ebda kwerela ma nghatat lil Dr Patrick Galea kif iddepona hu stess (a fol 32-34).

Illi ghalhekk l-unika reat in dizamin huwa dak ikkonteplmat taht l-artikolu 298(1) (f) tal-Kapt 9.

Illi l-artiklu hawn citat jitkellem dwar kull min xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, ibiegh jew izomm ghandu ghall-bejgh jew jimporta ghall-hsieb ta' kummerc merkanzija b'marki, sinjali jew emblemi imxebbhin b'qerq.

Abbinat ma' dan ir-reat hemm dak provdut fl-artikolu 302 tal-Kapitlu 9 illi liema artikolu jitfa' fuq l-akkuzat il-prezunzjoni tad-dolo, u kif allura tali prezunzjoni tista' tigi mxejna mill-akkuzat biex jaderixxi mat-tliet rekwiziti hemm elenkati.

Illi mill-provi tal-Pulizija jirrizulta illi l-iskwadra tal-Economic Crimes Unit tat raid fuq l-istall immexxi minn Michael Sultana, l-akkuzat. Minn hem cioe mill-osservazzjonijiet ta' l-istess Pulizija rrizulta li f'dan l-istat kien hemm certu attivita' fuq wara ta' l-istall. Instab hawn hekk hu l-akkuzat Raymond Sultana li kien se jitlaq minn fuq l-istall. Wara debita tfittxija fuq l-istess Ray Sultana instabu hdax-il CD u katalgu ahmar. Mentri fuq il-persuna ta' l-akkuzat, fil-lastiku tal-qalziet instabu erba' CDs. Dawn l-oggetti elevati kienu suspettati li kienu foloz. (Dok AM2 u Dok AM1 rispettivament).

Ghandu jinghad ukoll illi waqt din is-search il-kuntistabbli Marcelle Mifsud u PC 460 Antoine Briffa semghu li Michael Sultana jghid lil huh Raymond biex jitlaq "bihom" l-hemm.

Ghandu jinghad ukoll illi x’hin saret din it-tfittxija fuq l-istall u l-ahwa Sultana saret waqt li fil-fatt kien hemm nies imdawwrin ma’ l-istess stall jaraw x’kienu qeghdin jaraw xi catalogues bil-layout tas-CDs.

WPS Farrugia fil-fatt tikonferma illi ma’ l-istall kien hemm attivita’ ta’ bejgh. Rat ukoll lil Sultana jahbi xi haga.

Rat ukoll l-istqarrija a fol 21 Dok AM rilaxxata mill-akkuzat. Hawn assuma hu r-responsabilita’ ta’ dak anke li nsatb fuq Raymond Sultana huh, Dok AM2. Jghid ukoll illi fil-fatt dawn l-oggetti li nstabu fil-gakketta ta’ Sultana ma kinux mohbija izda pero’ huh kien qed izommhom fuqu ghax jidhlu n-nies wara t-tilari. Ghax jghid li fil-fatt gew misruqa.

Jispjega illi huh il-katalgu qabdu bi zball u s-CD’s refaghhom biex ma jigux misruqa. Dwar is-CDs misjuba fuqu gabhom biex jurihom in-nies.

Din hija fis-succint l-ispjegazzjoni li ta l-akkuzat Sultana.

Zewg anomaliji pero’ huma inspjegabbli f’dak li qal l-istess akkuzat sapendo kif irrizulta illikellu stall shih mimli CD’s originali, ghaliex ha hsieb li jahbi dawk biss suspettuzi, inkluz il-katalgu. Ghaliex ikkawtela biss mill-bizgha tas-erq kif qal hu biss dawk li nsatbu mohbija fuqu u fuq huh.

L-abbli avukat difensur ghamel ampja referenza ghal dak konkluz mill-espert tal-Qorti Martin Bajada. L-istess espert ikkonkluda illi l-esebiti elevati minn fuq l-ahwa Sultana kienu kollha non compliant hawn b’referenza kemm ghal hmistax-il CD elevati, kif ukoll ghal hamsa u ghxrin inlays. Pero’ r-relazzjoni ta’ Martin Bajada tmur oltre dak li jidher fil-konkluzjoni kif donnu implika l-Avukat Difensur, fil-fatt jekk wiehed janalizza l-analizi li ghamel l-istess espert fuq kull esebit, jara li apparti li l-istatus ta’ kull esebit huwa dak ta’ non compliant, jirrizulta wkoll li dawn huma kopja ta’ kwalita’ fqira. Frankament izzid din il-Qorti illi trid tkun vizwalment menomat biex ma tindunax li l-kwalita’ ta’ l-oggetti maqbuda u esebiti huma ta’ natura ferm u ferm fqira. Tant li certament qatt u qatt ma jistghu

ikunu xi overshot fil-production legittima taghhom mill-kumpanija legittima taghhom kif suggerita mid-difiza.

Lanqas ma taqbel din il-Qorti ma’ dak propost mid-Difiza dwar dak li jista’ jkun tampering. Taqbel ma’ dak minnu sottolineat ma’ dak li hija d-definizzjoni ta’ emblema, marka jew sinjal. Pero’ ma taqbilx li l-istess ma jistghux ikunu mxebbhin b’qerq jekk sew tramite “photocopying”, ghala le. Jekk tramite metodu ta’ burning, li hija fuq kollox xejn aktar minn kopja,
Wiehed qieghed jikkrea kopja ta’ sembjanza ta’ CD li pero’ mhux l-original, allura qieghed jikkopja kull dak li hemm fuqha, anke hoss jew forma ta’ sinjal iehor. Daqstant kull m in jaghmel fotokopja ta’ karta qieghed b’dak il-mod jikkopja kull emblema marka jew sinjal gia ezistenti fuq l-original. Dan il-mod ta’ ikkupjar fil-fatt huwa t-tampering tal-prodott originali.

Issa detto cio jibqghu zewg fatturi li ghandhom jigu kkonsidrati. Jekk Sultana kellux ix-xjenza ta’ din il-kontrafatt, u jekk kienux mqeghdin ghall-bejgh.

Certament mill-provi prodotti jirrizulta illi mat-tilar ta’ Sultana kien hemm in-nies qed jixtru, tant li wiehed mill-istess appena nduna mill-pulizija anke jinheba wara l-istalls (fol 35). Anke l-imgieba ta’ Sultana li jahbi l-oggetti suspettuzi u li jinstiga lil huh biex jitlaq l’hemm hija wahda ferm favoreggjanti l-fatt li hu kien sapjenti tan-natura ta’oggetti li hu kellu fil-pussess tieghu u li kien qed joffri ghall-bejgh. Tfakkar il-qorti l-iskuzi jew l-ispjegazzjonijiet ghal kollox dghajfa mressqa mill-akkuzat fi stadju ta’ stqarrija.

Konkluz dan, kien ghalhekk jispetta lill-akkuzat Sultana illi jadempixxi ma’ rekwiziti ta’ l-artikolu 302 tal-kapitlu 9, haga li zgur ma ghamilx.

Dwar il-piena rat l-artikolu 298(1)(f), rat il-fedina penali ta’ l-akkuzat rat mill-istess li l-akkuzat donnu ma gharafx l-izbalji tieghu, u fi zmien daqshekk qasir reggha kkommetta l-istess reat, tikundannah ghal piena karcerarja ta’ erba’(4) xhur habs.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------